**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 341/2023 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dorianne Tabone)**
**vs**
**Frank Farrugia**

**Illum 20 ta' Gunju, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Frank Farrugua ta' 38 sena, iben Raymond u Josephine nee` Farrugia, imwieled Pieta' nhar it-12 ta' Lulju 1984, u residenti gewwa 48, Triq Napuljun, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 317084M

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, nhar is-7 ta' April 2023, pubblikament, xewwex persuna/persuni ohra sabiex jaghmel reat;
   Art. 69 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Aktar talli fl-istess data u cirkostani pubblikament, xewwex lill-persuna/persuni ohra sabiex jikser il-ligi;
   Art 70 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Aktar talli fl-istess data u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jhedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra, jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bl-istess apparat; u
   Art 49 ta' Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta

4. U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi dolozamemt xerred ahbarijiet foloz illi x'aktarx jallarmaw lill-pubbliku jew jiksru l-bon-ordni pubbliku jew il-paci pubblika inkella jgibu agitazzjoni fost il-pubbliku jew fost xi klassijiet tal-pubbliku.
   Artikolu 82 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' April 2023, sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat li l-imputazzjonijiet inqraw u gew ikkonfermati bil-gurament mill-ufficjal prosekutur nhar l-20 ta' Gunju 2023;

Rat illi fl-istess seduta datata 20 ta' Gunju 2023 l-imputat wiegeb li hu hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedtti kontra tieghu u wara li l-Qorti tatu zmien opportun biex jirregola ruhhu huwa ikkonferma tali ammissjoni;

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni, l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat Frank Farrugia kif ukoll li ikkopera bis-shih mal-Pulizija, ma tarax li piena ta' prigunerija effettiva tkun idoneja fic-cirkostanzi.

**Decide:**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 69, 70 u 82 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Frank Farrugia hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegju u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommetti l-ebda reat iehor fi zmien erbgha u ghoxrin (24) xahar mil-lum.

Finalment, spjegat lill-ħati Frank Farrugia il-portata ta' din is-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta,

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**